

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1896**tas-27 ta' Ottubru 2016****dwar il-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni tar-ross skont il-kwoti tariffarji miftuħa għas-subperjodu ta' Ottubru 2016 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 188 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 tal-Kummissjoni ⁽²⁾ fetiħ u pprova għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur, imqassma skont il-pajjiż tal-orġini u f'diversi subperjodi skont l-Anness I ta' dak ir-Regolament.
- (2) Ottubru huwa l-uniku subperjodu għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.4138 ipprovdut skont l-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011. Din il-kwota tikkonsisti fil-bilanċ tal-kwantitajiet mhux użati mill-kwoti bin-numri tal-ordni 09.4127, 09.4128, 09.4129 u 09.4130 fis-subperjodu preċedenti. Ix-xahar ta' Ottubru huwa l-aħħar subperjodu għall-kwoti pprovduti fl-Artikolu 1(1)(b) u (e) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011, li jinkludu l-bilanċ tal-kwantitajiet mhux użati fis-subperjodu preċedenti.
- (3) In-notifiki li ntbagħtu skont il-punt (a) tal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 juru li, għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.4138, l-applikazzjonijiet imressqa fl-ewwel 10 jjiem ta' xogħol ta' Ottubru 2016 skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, ikopru kwantità akbar minn dik disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġu stabbiliti l-koeffiċjenti tal-allokazzjoni li għandhom jiġu applikati għall-kwantitajiet mitluba, ikkalkulati b'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ⁽³⁾.
- (4) In-notifiki juru wkoll li, għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.4148, l-applikazzjonijiet imressqa fl-ewwel 10 jjiem ta' xogħol ta' Ottubru 2016, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011, ikopru kwantità li hija anqas dik disponibbli.
- (5) Jeħtieġ ukoll li jkun magħruf il-perċentwal finali ta' użu ta' kull kwota pprovduta fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 tul is-sena 2016.
- (6) Sabiex tkun żgurata ġestjoni effettiva tal-proċedura tal-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għall-applikazzjonijiet tal-liċenzji tal-importazzjoni tar-ross li jaqgħu taħt il-kwota bin-numru tal-ordni 09.4138 imsemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011, imressqa matul l-ewwel 10 jjiem ta' ħidma ta' Ottubru 2016, il-liċenzji għandhom jinħarġu għall-kwantità mitluba, immultiplikata bil-koeffiċjent tal-allokazzjoni stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 li jiftaħ u li jipprova għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur (ĠUL 325, 8.12.2011, p. 6).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jstabilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

2. Il-perċentwal finali ta' użu ta' kull kwota pprovdata fir-Regolament (UE) Nru 1273/2011 tul is-sena 2016 jingħata fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2016.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Jerzy PLEWA
Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali*

ANNEX

Kwantitajiet li għandhom jiġu allokati għas-subperjodu ta' Ottubru 2016 skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 u l-perċentwal finali tal-użu għas-sena 2016

- a) Kwota ta' ross mitħun għalkollox jew mitħun parzjalment kopert bil-kodiċi NM 1006 30 kif ipprovdut fl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

Orìgini	Numru tas-serje	Koeffiċjent tal-allokazzjoni għas-subperjodu ta' Ottubru 2016	Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2016
L-Istati Uniti	09.4127		94,85 %
It-Tajlandja	09.4128		99,27 %
L-Awstralja	09.4129		99,21 %
Orìgini oħra	09.4130		100,00 %
Il-pajjiżi kollha	09.4138	0,990060 %	100,00 %

- b) Kwota ta' ross bil-ħliefa kopert bil-kodiċi NM 1006 20 kif ipprovdut fl-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

Orìgini	Numru tas-serje	Koeffiċjent tal-allokazzjoni għas-subperjodu ta' Ottubru 2016	Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2016
Il-pajjiżi kollha	09.4148	— ⁽¹⁾	64,63 %

⁽¹⁾ L-ebda koeffiċjent tal-allokazzjoni applikat għal dan is-subperjodu: l-ebda applikazzjoni għal liċenzja ma ġiet notifikata lill-Kummissjoni.

- c) Kwota ta' ross miksur kopert bil-kodiċi NM 1006 40 00 kif ipprovdut fl-Artikolu 1(1)(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

Orìgini	Numru tas-serje	Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2016
It-Tajlandja	09.4149	7,55 %
L-Awstralja	09.4150	0,00 %
Il-Gujana	09.4152	0,00 %
L-Istati Uniti	09.4153	17,96 %
Orìgini oħra	09.4154	100,00 %

- d) Kwota ta' ross mitħun għalkollox jew ross mitħun parzjalment kopert bil-kodiċi NM 1006 30 kif ipprovdut fl-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

Orìgini	Numru tas-serje	Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2016
It-Tajlandja	09.4112	100,00 %
L-Istati Uniti	09.4116	100,00 %
L-Indja	09.4117	100,00 %

Orìgini	Numru tas-serje	Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2016
Il-Pakistan	09.4118	100,00 %
Orìgini oħra	09.4119	100,00 %
Il-pajjiżi kollha	09.4166	100,00 %

- e) Kwota ta' ross miksur kopert bil-kodiċi NM 1006 40 00 kif ipprovdut fl-Artikolu 1(1)(e) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

Orìgini	Numru tas-serje	Koeffiċjent tal-allokazzjoni għas-subperjodu ta' Ottubru 2016	Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2016
Il-pajjiżi kollha	09.4168	— ⁽¹⁾	100 %

⁽¹⁾ L-ebda kwantità disponibbli għal dan is-subperjodu.